# National accounts and GDP/mt

Statistics Explained

# Il-kontijiet nazzjonali u l-PDG

*Data estratta f'Awwissu 2020.*
*Aġġornament ippjanat tal-artikolu: Novembru 2021.*

Il-kontijiet nazzjonali Il-kontijiet nazzjonali huma s-sors ta' għadd ta' indikaturi ekonomiċi magħrufa sew li huma ppreżentati f'dan l-artiklu. Il-Prodott Domestiku Gross (PDG) huwa l-kejl l-aktar użat għad-daqs globali ta' ekonomija, filwaqt li indikaturi dderivati minnu bħall-PDG għal kull abitant (per capita) — pereżempju, f'euro jew aġġustat għad-differenzi fil-livelli tal-prezzijiet (kif espressi fi standards tal-kapaċità tal-akkwist, PPS ) — jintużaw ħafna biex isir paragun tal-istandards tal-għajxien, jew biex tiġi mmonitorjata l-konverġenza jew id-diverġenza ekonomika fl- Unjoni Ewropea (UE) .

Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' komponenti speċifiċi tal-PDG u l-indikaturi relatati, bħal dawk għall-output ekonomiku, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet , il-konsum domestiku (privat u pubbliku) jew l-investimenti, kif ukoll data dwar id-distribuzzjoni tal-introjtu u t-tfaddil, jista' jipprovdi għarfien utli dwar il-muturi ewlenin tal-attività ekonomika u għalhekk ikun il-bażi għat-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' politiki speċifiċi tal-UE.

Dan l-artiklu jiġi ppubblikat kull sena b'data annwali. Din l-edizzjoni tal-2020 tiddeskrivi s-sitwazzjoni sas-sena 2019 biss. B'konsegwenza ta' dan, l-ewwel sejbiet ta' kwalunkwe implikazzjoni relatata mal-COVID-19 se jkunu possibbli biss fl-edizzjoni tal-2021 tal-artiklu, u l-iskala sħiħa tal-kriżi se tiġi żvelata biss f'edizzjonijiet sussegwenti.

## Żviluppi għall-PDG fl-EU-27: tkabbir mill-2014

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija wasslet għal reċessjoni severa fl-EU-27 fl-2009 (ara Illustrazzjoni 1), segwita minn irkupru fl-2010. Il-kriżi bdiet aktar kmieni fil-Ġappun u fl-Istati Uniti, b'rati annwali ta' tibdil negattivi għall-PDG (f'termini reali) irreġistrati diġà fl-2008, li ggravaw fl-2009, qabel reġgħu lura għal li kienu fl-2010. B'kuntrast, l-output ekonomiku fiċ-Ċina (inkluż Hong Kong) baqa' jikber b'pass relattivament mgħaġġel matul il-kriżi (kważi 10 % kull sena), u naqas xi ftit fis-snin ta' wara, iżda baqa' konsiderevolment ogħla minn kwalunkwe waħda mill-ekonomiji l-oħra murija fl-Illustrazzjoni 1.

Il-kriżi diġà kienet tidher fl- EU-27 fl-2008, meta kien hemm tnaqqis konsiderevoli fir-rata ta' żieda fil-PDG li kien segwit minn tnaqqis fil-PDG reali ta' 4.3 % fl-2009. L-irkupru fl-EU-27 sarraf f'żieda fl-indiċi tal-PDG (ibbażat fuq volumi inkatenati) ta' 2.2 % fl-2010 u f'żieda oħra ta' 1.8 % fl-2011. Sussegwentement, il-PDG naqas 0.7 % fl-2012 u l-bidla fl-2013 kienet negliġibbli, qabel ma ġiet irreġistrata rata pożittiva ta' tibdil fl-2014 (1.6 %). Mill-2015 sal-2018, it-tkabbir kien relattivament stabbli, bejn 2.0 % u 2.8 % kull sena. Fl-2019, it-tkabbir naqas, hekk kif l-EU-27 irreġistrat żieda reali fil-PDG ta' 1.5 %.

Fiż- żona tal-euro (ŻE-19) , ir-rati korrispondenti ta' tibdil kienu simili għal dawk irreġistrati fl-EU-27: il-kontrazzjonijiet irreġistrati fl-2009 u fl-2012 kienu aktar b'saħħithom (-4.5 % u -0.9 %) milli fl-EU-27 u l-kontrazzjoni tal-2012 kienet sostnuta fl-2013 (-0.2 %) filwaqt li ma kien hemm l-ebda bidla fl-EU-27 fl-2013.

Filwaqt li kien hemm tkabbir fiż-żona tal-euro kull sena li kien hemm tkabbir fl-EU-27, ir-rata ta' tkabbir fiż-żona tal-euro normalment kienet 0.1 jew 0.2 punti perċentwali aktar baxxa. Intant, matul il-perjodu ta' bejn l-2009 u l-2019, it-tkabbir fil-PDG reali fiż-żona tal-euro kien xi ftit aktar dgħajjef minn dak fl-EU-27 kollha kemm hi.




**Illustrazzjoni 1: Rata ta' tibdil fil-PDG reali, 2009-2019 (bidla f'% imqabbel mas-sena ta' qabel) Sors: Eurostat (naida_10_gdp)**

Fl-UE, it-tkabbir tal-PDG reali varja konsiderevolment, kemm tul iż-żmien kif ukoll bejn l-Istati Membri tal-UE (ara t-Tabella 1). Wara kontrazzjoni fl-Istati Membri kollha ħlief fil-Polonja fl-2009, it-tkabbir ekonomiku reġa' beda fi 23 Stat Membru fl-2010 u ġie rreġistrat ukoll tkabbir fi 23 Stat Membru fl-2011. Madankollu, fl-2012 dan l-iżvilupp inbidel, hekk kif nofs (14) l-Istati Membri rrapportaw espansjoni ekonomika, filwaqt li l-output naqas fil-bqija tal-Istati Membri. Minn hemm 'il quddiem, maġġoranza akbar tal-Istati Membri reġgħu rreġistraw tkabbir, bl-għadd ta' pajjiżi li jirreġistraw rata pożittiva ta' tibdil jilħaq 16 fl-2013 u jitla' għal 23 fl-2014 u 26 fl-2015 u l-2016. Is-27 Stat Membru kollha rreġistraw rata pożittiva ta' tibdil fl-2017 (l-ewwel darba li dan seħħ mill-2007) u reġgħu għamlu dan fl-2018 u fl-2019. L-uniku Stat Membru b'rata negattiva ta' tibdil fl-2015 u l-2016 kien il-Greċja, li rreġistrat tnaqqis ta' 0.4 % u 0.2 % wara tkabbir ta' 0.7 % fl-2014 u ħames tnaqqisiet wara xulxin fl-output ekonomiku bejn l-2009 u l-2013.

fis-serje). B'kuntrast ma' dan, it-tkabbir medju annwali kien inqas minn 1.0 % fil-Portugall u l-Italja u l-iżvilupp ġenerali tal-PDG reali kien negattiv matul il-perjodu mill-2009 sal-2019 fil-Greċja.

Il-paraguni bejn pajjiż u ieħor ħafna drabi jsiru permezz ta' standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) li huma valuri aġġustati biex jikkunsidraw id-differenzi fil-livelli tal-prezzijiet bejn il-pajjiżi. Kun af li d-data murija fl-Illustrazzjonijiet 2 u 3 u fit-Tabella 2 hija fi prezzijiet kurrenti u m'għandhiex tintuża għall-kalkolu tar-rati tat-tibdil minħabba l-inflazzjoni u l-fluttwazzjoni fir-rata tal-kambju.

Fl-2019, il-PDG fl-EU-27 laħaq it-13.9-il triljun f'PPS (13 900 biljun f'PPS) — kun af li għall-EU-27, PPS wieħed huwa ugwali għal euro. Intant, il-PDG tal-EU-27 f'PPS baqa' inqas minn dak għall-Istati Uniti matul kull sena tal-perjodu mill-2009 sal-2019 (kif muri fl-Illustrazzjoni 2; Madankollu, jekk jogħġbok innota li ċ-ċifri tal-PPS huma maħsuba għal paraguni bejn il-pajjiżi aktar milli għal paraguni temporali peress li ma jistgħux jitqiesu bħala serje kronoloġika għal raġunijiet metodoloġiċi). Ta' min jinnota li ċ-Ċina storikament kellha livell ta' output ekonomiku aktar baxx mill-EU-27 jew l-Istati Uniti, iżda din is-sitwazzjoni nbidlet bit-trasformazzjoni rapida u l-espansjoni kontinwa tal-ekonomija Ċiniża. Fl-2013, il-PDG taċ-Ċina f'PPS laħaq livell li kien — għall-ewwel darba — ogħla minn dak irreġistrat għall-EU-27. Fl-2016, il-PDG taċ-Ċina f'PPS laħaq l-istess livell bħal dak irreġistrat fl-Istati Uniti u fl-2017 qabeż il-livell tal-Istati Uniti (sitwazzjoni li ċ-Ċina żammet minn dak iż-żmien 'l hawn).




**Illustrazzjoni 2: PDG fi prezzijiet kurrenti tas-suq, 2009-2019 (PPS f'biljuni) Sors: Eurostat (prc_ppp_ind)**

### Fl-2019, il-Ġermanja kienet responsabbli għal aktar minn 20 % tal-PDG tal-EU-27 f'termini ta' PPS

Iż-żona tal-euro kienet tirrappreżenta 81.1 % tal-PDG tal-EU-27 fl-2019 (meta mkejjel f'termini ta' PPS), tnaqqis minn 83.2 % fl-2009. Fl-2019, it-total tal-erba' l-akbar ekonomiji fost l-Istati Membri tal-UE (il-Ġermanja, Franza, l-Italja u Spanja) irrappreżenta kemm kemm aktar minn tlieta minn ħamsa (60.7 %) tal-PDG tal-EU-27, li kien 2.0 punti perċentwali inqas mis-sehem tagħhom għaxar snin qabel (fl-2009). Il-Ġermanja waħedha rrappreżentat 22.4% tal-PDG tal-EU-27 fl-2019, żieda minn 21.5 % fl-2009. L-ishma tal-ikbar tliet Stati Membri l-oħra kollha naqsu bejn l-2009 u l-2019, bi tnaqqis ta' 1.8 punti perċentwali fl-Italja, 1.0 punti

perċentwali fi Spanja u 0.1 punti perċentwali fi Franza.

### Fl-2019, il-PDG per capita kien ta' medja ta' EUR 31 100 fost l-EU-27

Sabiex jiġu evalwati l-istandards tal-għajxien, spiss jintuża l-PDG per capita, jiġifieri, aġġustat skont id-daqs ta' ekonomija f'termini tal-popolazzjoni tagħha: il-popolazzjoni tal-EU-27 fl-2019 kienet ta' 448 miljun. Fl-2019, il-PDG per capita medju għall-EU-27 (f'termini ta' prezzijiet kurrenti) kien ta' EUR 31.1 elf. Il-valuri espressi f'PPS ġew aġġustati għad-differenzi fil-livelli tal-prezzijiet fost il-pajjiżi. Il-pożizzjoni relattiva tal-pajjiżi individwali tista' tiġi espressa permezz ta' paragun mal-medja tal-EU-27, b'din li se tkun issettjata għal 100 (ara n-naħa tal-lemin tat-Tabella 2). Abbażi ta' dan il-kejl, l-ogħla valur fost l-Istati Membri tal-EU-27 ġie rreġistrat fil-Lussemburgu, fejn il-PDG per capita f'termini ta' PPS kien madwar 2.6 drabi ogħla mill-medja tal-EU-27 fl-2019 (ħaġa li hija parzjalment spjegata mill-importanza tal-ħaddiema transfruntiera mill-Belġju, Franza u l-Ġermanja). Min-naħa l-oħra, il-PDG per capita f'termini ta' PPS kien inqas minn nofs il-medja tal-EU-27 fil-Bulgarija.

**GDP at current market prices, 2009 and 2017-2019**

| | GDP (billion PPS) | | | | GDP per inhabitant (PPS, EU-27 = 100) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2009 | 2017 | 2018 | 2019 | 2009 | 2017 | 2018 | 2019 |
| EU-27 | 10 589 | 13 047 | 13 484 | 13 922 | 100 | 100 | 100 | 100 |
| Euro area (EA-19) | 8 809 | 10 664 | 10 988 | 11 292 | 110 | 107 | 107 | 106 |
| Belgium | 308 | 394 | 406 | 420 | 119 | 119 | 118 | 117 |
| Bulgaria | 80 | 104 | 108 | 115 | 44 | 50 | 51 | 53 |
| Czechia | 218 | 279 | 292 | 304 | 86 | 90 | 91 | 92 |
| Denmark | 168 | 217 | 225 | 233 | 127 | 129 | 129 | 129 |
| Germany | 2 277 | 2 994 | 3 071 | 3 121 | 118 | 124 | 123 | 121 |
| Estonia | 21 | 30 | 33 | 34 | 65 | 79 | 82 | 84 |
| Ireland | 143 | 257 | 280 | 292 | 131 | 183 | 191 | 191 |
| Greece | 255 | 214 | 222 | 225 | 95 | 68 | 68 | 68 |
| Spain | 1 123 | 1 260 | 1 289 | 1 331 | 101 | 93 | 91 | 91 |
| France | 1 694 | 2 046 | 2 116 | 2 214 | 109 | 104 | 104 | 106 |
| Croatia | 65 | 75 | 78 | 82 | 63 | 62 | 63 | 65 |
| Italy | 1 544 | 1 729 | 1 760 | 1 785 | 108 | 98 | 97 | 95 |
| Cyprus | 21 | 22 | 24 | 24 | 106 | 89 | 90 | 89 |
| Latvia | 27 | 38 | 40 | 41 | 53 | 67 | 69 | 69 |
| Lithuania | 43 | 65 | 68 | 71 | 57 | 79 | 81 | 82 |
| Luxembourg | 31 | 46 | 48 | 50 | 258 | 264 | 263 | 261 |
| Hungary | 156 | 198 | 210 | 222 | 65 | 69 | 71 | 73 |
| Malta | 8 | 13 | 14 | 15 | 82 | 98 | 99 | 99 |
| Netherlands | 556 | 648 | 675 | 693 | 140 | 129 | 130 | 128 |
| Austria | 258 | 328 | 342 | 351 | 128 | 128 | 128 | 127 |
| Poland | 554 | 783 | 822 | 870 | 60 | 70 | 71 | 73 |
| Portugal | 211 | 233 | 240 | 251 | 83 | 77 | 77 | 79 |
| Romania | 256 | 365 | 388 | 419 | 52 | 64 | 66 | 69 |
| Slovenia | 42 | 52 | 55 | 57 | 86 | 86 | 87 | 88 |
| Slovakia | 94 | 115 | 121 | 125 | 72 | 72 | 73 | 74 |
| Finland | 153 | 179 | 185 | 190 | 119 | 111 | 111 | 111 |
| Sweden | 283 | 362 | 372 | 385 | 126 | 123 | 121 | 120 |
| United Kingdom | 1 646 | 2 075 | 2 123 | 2 180 | 110 | 108 | 106 | 105 |
| Iceland | 10 | 13 | 14 | 15 | 131 | 130 | 130 | 130 |
| Norway | 202 | 227 | 244 | 239 | 174 | 147 | 153 | 144 |
| Switzerland | 303 | 388 | 402 | 408 | 162 | 157 | 156 | 153 |
| Montenegro | 6 | 8 | 9 | 10 | 41 | 46 | 48 | 50 |
| North Macedonia | 17 | 22 | 23 | 25 | 35 | 37 | 37 | 38 |
| Albania | 19 | 26 | 27 | 28 | 28 | 31 | 31 | 31 |
| Serbia | 69 | 80 | 84 | 88 | 39 | 39 | 40 | 41 |
| Turkey | 834 | 1 548 | 1 576 | 1 558 | 48 | 66 | 64 | 61 |
| Bosnia and Herzegovina | 25 | 32 | 34 | 35 | 30 | 31 | 32 | 32 |
| China (including Hong Kong) | 8 343 | 13 644 | 14 827 | 15 713 | 26 | 34 | 35 | 36 |
| Japan | 3 207 | 3 537 | 3 550 | 3 656 | 104 | 95 | 93 | 93 |
| United States | 10 899 | 13 392 | 14 042 | 14 352 | 147 | 141 | 142 | 140 |

*Source:* Eurostat (online data code: prc_ppp_ind)

eurostat

**Tabella 2: PDG fi prezzijiet kurrenti tas-suq, 2009 u 2017-2019 Sors: Eurostat (prc_ppp_ind)**

L-iżvilupp taċ-ċifri ta' PPS matul l-aħħar deċennju jissuġġerixxi li saret xi konverġenza fl-istandards tal-għajxien. Il-biċċa l-kbira tal- Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004, l-2007 jew l-2013 avvanzaw minn pożizzjoni aktar baxxa mill-medja tal-EU-27 fl-2009 għal waħda eqreb tal-medja tal-EU-27 fl-2019, minkejja xi ostakli mhux mistennija matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija — ara l-Illustrazzjoni 3. Ċipru kien eċċezzjoni, peress li mexa minn pożizzjoni 'l fuq il-medja tal-EU-27 (106 % tal-medja tal-EU-27 fl-2009) għal pożizzjoni taħtha (89

%). Fost l-Istati Membri l-antiki, l-Italja u Spanja wkoll imxew minn pożizzjoni 'l fuq il-medja tal-EU-27 għal waħda taħtha. Il-Greċja u l-Portugall imxew aktar 'l isfel mill-medja tal-EU-27. Id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Lussemburgu mxew aktar 'il fuq mill-medja tal-EU-27, kif għamlet l-aktar l-Irlanda. L-Istati Membri EU-15 li jifdal — l-Awstrija, il-Belġju, Franza, l-Iżvezja, il-Finlandja u n-Netherlands — imxew 'l isfel minn pożizzjoni ogħla mill-medja tal-EU-27 fl-2009 għal waħda eqreb (iżda xorta ogħla) mill-medja tal-EU-27 fl-2019.




**Illustrazzjoni 3: PDG per capita fi prezzijiet kurrenti tas-suq, 2009 u 2019 (EU-27 = 100; ibbażat fuq PPS per capita) Sors: Eurostat (prc_ppp_ind)**

## Valur miżjud gross fl-EU-27 skont l-attività ekonomika

**Madwar tliet kwarti tal-valur miżjud totali tal-EU-27 fl-2019 kien iġġenerat fis-settur tas-servizzi**

Meta wieħed iħares lejn il-PDG mill-perspettiva tal-output, it-Tabella 3 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-importanza relattiva ta' 10 attivitajiet ekonomiċi (kif iddefiniti minn NACE Rev. 2 ) f'termini tal-kontribut tagħhom għall-valur miżjud gross totali bil-prezzijiet bażiċi attwali.

Bejn l-2009 u l-2019, is-sehem tal-industrija tal-valur miżjud tal-EU-27 żdied b'0.7 punti perċentwali għal 19.7 %, u b'hekk qabeż dak tal-kummerċ distributtiv, it-trasport, u s-servizzi tal-akkomodazzjoni u l-ikel bħala l-akbar waħda minn dawn l-10 attivitajiet; is-sehem tal-valur miżjud gross totali fil-kummerċ distributtiv, it-trasport, u s-servizzi tal-akkomodazzjoni u l-ikel kien identiku fl-2009 u fl-2019 bi 19.3 %. L-akbar żieda matul dan il-perjodu, żieda ta' 1.1 punti perċentwali minn 10.2 % għal 11.3 %, ġiet irreġistrata għas-servizzi professjonali, xjentifiċi, tekniċi, amministrattivi u ta' appoġġ — minn hawn 'il quddiem imsejħa servizzi tan-negozju — li saru r-raba' l-akbar attività, u qabżu l-attivitajiet ta' proprjetà immobbli. L-uniċi attivitajiet oħra biex jiġi rreġistrat sehem akbar kienu s-servizzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni (żieda ta' 0.3 punti perċentwali għal 5.0 %) u l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd (żieda ta' 0.1 punti perċentwali għal 1.8 %).

It-tielet l-akbar attività fl-2019 (kif imkejla skont il-valur miżjud gross) kienet tikkonsisti fl-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, l-edukazzjoni, is-saħħa tal-bnedmin u l-attivitajiet ta' ħidma soċjali, li raw is-sehem tagħhom tal-valur miżjud totali jonqos b'0.6 punti perċentwali biex jilħaq 18.7 % fl-2019. L-attivitajiet l-oħra li rreġistraw

## Żviluppi diverġenti ta' attivitajiet ekonomiċi matul l-aħħar deċennju

Il-bidla strutturali hija, tal-inqas parzjalment, riżultat ta' fenomeni bħal tibdil teknoloġiku, żviluppi fil-prezzijiet relattivi, esternalizzazzjoni u globalizzazzjoni, li spiss iwasslu biex attivitajiet ta' manifattura u xi servizzi (dawk li jistgħu jiġu pprovduti b'mod remot, bħal online jew permezz ta' ċentri telefoniċi) jiġu rilokati għal reġjuni b'kost lavorattiv irħas, kemm fl-EU-27 kif ukoll barra minnha. Barra minn hekk, diversi attivitajiet kienu affettwati partikolarment mill-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u l-konsegwenzi tagħha, iżda għall-biċċa l-kbira tal-attivitajiet l-impatt ewlieni tal-kriżi kien bejn l-2007 u l-2009, fi kliem ieħor qabel il-medda ta' żmien murija fl-Illustrazzjonijiet 4 u 5.

Bejn l-2009 u l-2014, l-output mill-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd fl-EU-27 varja, b'rati ta' tibdil li jvarjaw minn -4.7 % sa 5.4 %. Minn hemm 'il quddiem il-bidliet kienu aktar baxxi, bi tnaqqisiet ta' 0.7 % u 1.1 % fl-2015 u fl-2016 segwiti minn tliet espansjonijiet relattivament żgħar (0.4 % -1.3 %) bejn l-2017 u l-2019. B'mod ġenerali, l-output kien 5.0 % ogħla fl-2019 milli kien fl-2009. L-output industrijali tal-EU-27 żdied bi 11.9 % bejn l-2009 u l-2011 hekk kif irkupra mill-kriżi, iżda naqas bi 2.3 % bejn l-2011 u l-2013. Minn hemm 'il quddiem, l-output industrijali kiber b'pass relattivament mgħaġġel fl-erba' snin ta' wara (b'żidiet annwali ta' bejn 2.4 % u 3.3 %) u b'pass aktar kajman (1.9 %) fl-2018 qabel ma ġarrab tnaqqis ta' 0.5 % fl-2019. L-output industrijali kien 24.5 % ogħla fl-2019 milli fl-2009. Il-kostruzzjoni rreġistrat l-agħar u l-itwal kontrazzjoni wara l-kriżi, bl-output tagħha naqas b'14.9 % fl-EU-27 bejn l-2009 u l-2013 (li kien diġà naqas fl-2008 u fl-2009), bl-output jonqos sena wara l-oħra matul dan il-perjodu. Intant, iż-żieda ta' 1.6 % irreġistrata għall-kostruzzjoni fl-2015 (wara l-ebda bidla fl-2014) kienet l-ewwel tkabbir annwali fi tmien snin u din ġiet segwita minn tkabbir ta' bejn 1.3 % u 3.8 % sal-2019. Minkejja dan il-perjodu reċenti ta' tkabbir sostnut, l-output tal-kostruzzjoni fl-2019 kien 3.4 % inqas milli kien fl-2009 (u għalhekk konsiderevolment aktar baxx milli kien qabel il-bidu tal-kriżi).

Żewġ attivitajiet ta' servizz — servizzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni u attivitajiet ta' proprjetà immobbli — irreġistraw rati annwali pożittivi ta' tibdil kull sena bejn l-2009 u l-2019. Ġiet irreġistrata sitwazzjoni simili għas-servizzi tan-negozju bl-eċċezzjoni ta' tnaqqis żgħir ta' 0.2 % fl-2012, għall-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, l-edukazzjoni, is-saħħa tal-bniedem u l-attivitajiet ta' ħidma soċjali ħlief għal ebda tibdil fl-2012 u tnaqqis żgħir ta' 0.1 % fl-2013, u għal servizzi tal-kummerċ distributtiv, it-trasport, l-akkomodazzjoni u l-ikel ħlief għal tnaqqis ta' 0.5 % fl-2013. Fost dawn, l-aktar tkabbir globali mgħaġġel bejn l-2009 u l-2019 kien għall-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet, peress li l-output fl-2019 kien 48.9 % ogħla milli fl-2009; it-tkabbir l-aktar bil-mod kien għall-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, l-edukazzjoni, is-saħħa tal-bniedem u l-attivitajiet ta' ħidma soċjali (żieda kumplessiva ta' 9.5 %). Iż-żewġ attivitajiet ta' servizz li jifdal — l-attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni kif ukoll tal-arti, tad-divertiment u servizzi oħra — it-tnejn irreġistraw tliet snin ta' tnaqqis fil-produzzjoni bejn l-2009 u l-2019 u tkabbir ġenerali relattivament żgħir, 5.4 % u 4.8 % rispettivament.

Fl-2019, l-attivitajiet kollha fl-EU-27 irrapportaw tkabbir fil-valur miżjud gross tagħhom meta mqabbel mal-2018, ħlief għall-industrija. L-attivitajiet bl-akbar tkabbir kienu attivitajiet tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (3.9 %) u l-kostruzzjoni (3.4 %). Il-produzzjoni industrijali naqset b'0.5 %, filwaqt li t-tkabbir l-aktar bil-mod fost l-attivitajiet l-oħra kien għall-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd (0.4 %).




**Illustrazzjoni 4: Żviluppi għall-valur miżjud gross reali, EU-27, 2009-2019 (2010 = 100) Sors: Eurostat (nama_10_a10)**




**Illustrazzjoni 5: Żviluppi għall-valur miżjud gross reali, EU-27, 2009-2019 (2010 = 100) Sors: Eurostat (nama_10_a10)**

## Produttività tax-xogħol

Sabiex jiġu eliminati l-effetti tal- inflazzjoni , il-produttività tax-xogħol għal kull persuna impjegata tista' tiġi kkalkolata permezz ta' data aġġustata għal tibdil fil-prezzijiet. Analiżi tal-produttività tax-xogħol għal kull persuna impjegata f'termini reali (ibbażata fuq volumi inkatenati) matul il-perjodu ta' 10 snin mill-2009 sal-2019 turi żidiet għall-biċċa l-kbira tal-attivitajiet ekonomiċi fl-EU-27, bl-akbar żidiet fil-produttività rreġistrati għall-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd (żieda globali ta' 30.1 %), l-industrija (24.3 %) u s-servizzi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni (22.8 %) — ara l-Illustrazzjoni 6. Kun af li paragun preċiż tal-livelli tal-produttività tax-xogħol f'termini reali bejn l-attivitajiet jista' jiġi analizzat biss għas-sena ta' referenza 2010 minħabba n-nonaddittività tal-volumi inkatenati.




**Illustrazzjoni 6: Produttività tax-xogħol reali, EU-27, 2009, 2014 u 2019 (elf EUR kull persuna impjegata) Sors: Eurostat (nama_10_a10) u (nama_10_a10e)**

Aktar data dwar l-iżvilupp tal-produttività tax-xogħol reali mkejla jew għal kull persuna impjegata jew għal kull siegħa xogħol hija murija fit-Tabella 4. Il-produttività tax-xogħol għal kull persuna impjegata żdiedet, f'termini reali, bejn l-2009 u l-2019 fi kważi kull Stat Membru tal-EU-27, bil-Greċja li tirreġistra tnaqqis (m'hemm l-ebda data disponibbli għal Malta). Bl-istess mod, matul l-istess perjodu, il-produttività tax-xogħol għal kull siegħa xogħol żdiedet ukoll fl-Istati Membri tal-EU-27 kollha ħlief għall-Greċja (għal darb'oħra, m'hemm l-ebda data disponibbli għal Malta). Jekk inħallu dawk l-Istati Membri f'interruzzjoni fis-serje (ara t-Tabella 4), l-akbar żidiet (f'termini perċentwali) għal dawn iż-żewġ miżuri tal-produttività tax-xogħol reali ġew irreġistrati fir-Rumanija, fil-Bulgarija, fl-Estonja u fil-Latvja, filwaqt li l-anqas (apparti l-Greċja) ġew irreġistrati fil-Lussemburgu u fl-Italja.

**Real labour productivity, 2009, 2014 and 2019**

| | (thousand EUR per person employed) | | | (EUR per hour worked) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2009 | 2014 | 2019 | 2009 | 2014 | 2019 |
| EU-27 | 48.8 | 51.7 | 53.9 | 29.36 | 31.62 | 33.17 |
| Euro area (EA-19) | 55.6 | 58.6 | 60.2 | 34.62 | 37.12 | 38.33 |
| Belgium (¹) | 70.6 | 74.4 | 75.4 | 45.17 | 47.02 | 47.72 |
| Bulgaria | 8.7 | 10.0 | 11.6 | 5.31 | 6.10 | 7.04 |
| Czechia | 27.2 | 29.0 | 32.6 | 15.26 | 16.37 | 18.28 |
| Denmark | 72.2 | 78.4 | 82.2 | 50.94 | 55.47 | 59.57 |
| Germany | 54.0 | 57.9 | 59.3 | 38.44 | 41.34 | 42.78 |
| Estonia | 21.7 | 24.7 | 27.5 | 11.84 | 13.28 | 15.31 |
| Ireland (²) | 76.3 | 84.9 | 114.6 | 42.13 | 48.34 | 64.68 |
| Greece | 43.8 | 41.2 | 39.8 | 21.06 | 20.39 | 19.56 |
| Spain | 49.7 | 52.8 | 53.7 | 28.96 | 31.22 | 31.85 |
| France | 65.9 | 68.8 | 71.1 | 43.02 | 45.32 | 47.26 |
| Croatia | 22.1 | 23.3 | 24.8 | 11.48 | 12.34 | 13.55 |
| Italy | 57.1 | 57.5 | 57.7 | 32.15 | 33.48 | 33.56 |
| Cyprus | 41.6 | 41.9 | 43.1 | 22.49 | 23.05 | 23.66 |
| Latvia | 18.5 | 20.5 | 23.0 | 9.47 | 10.59 | 12.32 |
| Lithuania (¹) | 18.8 | 22.4 | 25.1 | 10.10 | 12.00 | 13.32 |
| Luxembourg | 97.4 | 99.3 | 99.2 | 64.24 | 65.94 | 65.86 |
| Hungary | 20.9 | 21.4 | 23.3 | 11.90 | 12.23 | 13.52 |
| Malta | : | : | : | : | : | : |
| Netherlands | 64.0 | 67.7 | 68.4 | 45.07 | 47.46 | 47.53 |
| Austria | 63.6 | 64.8 | 66.9 | 38.01 | 39.95 | 41.52 |
| Poland (²) | 19.5 | 22.6 | 26.7 | 9.49 | 11.09 | 13.20 |
| Portugal | 31.5 | 33.4 | 33.9 | 16.64 | 17.86 | 18.16 |
| Romania | 13.1 | 14.5 | 18.1 | 7.21 | 8.08 | 10.11 |
| Slovenia | 31.7 | 34.3 | 36.2 | 18.91 | 20.42 | 22.70 |
| Slovakia | 26.5 | 30.0 | 31.6 | 14.86 | 17.04 | 18.66 |
| Finland | 63.6 | 64.3 | 66.7 | 38.93 | 39.94 | 41.96 |
| Sweden | 69.9 | 74.8 | 77.9 | 43.32 | 46.19 | 48.55 |
| United Kingdom | 56.4 | 59.2 | 60.6 | 34.37 | 35.35 | 36.31 |
| Iceland | 57.9 | 59.0 | 63.4 | 38.31 | 39.63 | 43.61 |
| Norway | 112.4 | 113.9 | 116.5 | 81.03 | 81.95 | 84.18 |
| Switzerland (¹) | 92.4 | 94.7 | 97.8 | 55.94 | 60.12 | 62.49 |
| North Macedonia (³) | 8.3 | 8.9 | 9.0 | : | : | : |

Note: based on chain linked volumes (with 2010 reference year).
(¹) Per hour worked: 2018 instead of 2019.
(²) 2014: break in series.
(³) 2017 instead of 2019.
*Source:* Eurostat (online data codes: nama_10_gdp and nama_10_a10_e)

eurostat

**Tabella 4: Produttività tax-xogħol reali, 2009, 2014 u 2019 Sors: Eurostat (nama_10_gdp) u (nama_10_a10_e)**

## Nefqa fuq il-konsum

Jekk induru għal analiżi tal-iżvilupp tal-komponenti tal-PDG mill-perspettiva tan-nefqa, naraw li n- nefqa fuq il-konsum finali madwar l-EU-27 żdiedet b'10.8 % f'termini ta' volum bejn l-2009 u l-2019 (ara l-Illustrazzjoni 7), minkejja tnaqqis żgħir fl-2012 u l-2013. In-nefqa fuq il-konsum finali tal-gvern estiż żdiedet b'pass kemxejn aktar mgħaġġel, b'żieda ta' 10.0 % bejn l-2009 u l-2019. Matul l-istess perjodu, il- formazzjoni ta' kapital gross kienet relattivament volatili: bejn l-2009 u l-2011 żdiedet bi 8.2 %, bejn l-2011 u l-2013 naqset bi kważi l-istess ammont (8.1 %), u mbagħad qabdet triq 'il fuq sal-2019, u bejn l-2013 u l-2019 kibret b'26.9 %. It-tkabbir fl-esportazzjonijiet qabeż it-tkabbir fl-importazzjonijiet bejn l-2009 u l-2013, kif ukoll fl-2017, filwaqt li l-importazzjonijiet kibru aktar malajr f'ħamsa mis-sitt snin mill-2014 sal-2019. Matul il-perjodu 2009-2019, l-esportazzjonijiet żdiedu b'total ta' 61.0 % filwaqt li l-importazzjonijiet żdiedu b'55.3 %.




**Illustrazzjoni 7: Żviluppi fin-nefqa fuq il-konsum reali, il-formazzjoni ta' kapital gross, l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet, EU-27, 2009-2019 (2010 = 100) Sors: Eurostat (nama_10_gdp)**

Wara t-tnaqqis tagħha fl-2009, in-nefqa fuq il-konsum tal-EU-27 mill-unitajiet domestiċi u minn istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISH) irkuprat fl-2010 (żieda ta' 0.9 % f'termini ta' volum) u fl-2011 (0.3 %), qabel ma reġgħet naqset fl-2012 (tnaqqis ta' 0.9 %) u fl-2013 (tnaqqis ta' 0.5 %). Minn hemm 'il quddiem, din in-nefqa żdiedet għal sitt snin konsekuttivi, b'żidiet li inizjalment aċċelleraw minn 1.1 % għal 2.2 % qabel tnaqqis fil-pass għal 1.6 % fl-2019.

Fl-2010, il-pass tat-tkabbir għan- nefqa tal-gvern estiż tal-EU-27 naqas f'termini tal-volum u din ir-rata ta' tibdil baqgħet relattivament stabbli (fil-medda ta' -0.2 % sa 0.4 %) bejn l-2011 u l-2013, qabel irritornat għal tkabbir kemxejn aktar b'saħħtu wara (bejn 1.0 % u 2.0 %) mill-2014 sal-2019.

## Investiment

Minkejja żieda fl-2011 (2.0 %), il-formazzjoni ta' kapital fiss gross tal-EU-27 naqset milli tirkupra b'mod sħiħ mit-tnaqqis qawwi tagħha fl-2009 (-11.3 %) u reġgħet lura għal rata negattiva ta' tibdil fl-2012 u fl-2013. Madankollu, il-formazzjoni ta' kapital fiss gross fl-EU-27 żdiedet matul il-perjodu 2014-2019, b'żieda kull sena fil-medda ta' 2.1 % sa 5.6 %.




**Illustrazzjoni 8: Rata annwali reali ta' tibdil f'komponenti tan-nefqa tal-PDG, EU-27, 2009-2019 (%) Sors: Eurostat (nama_10_gdp)**

F'termini ta' prezzijiet kurrenti, in-nefqa fuq il-konsum mill-unitajiet domestiċi u l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu l-unitajiet domestiċi kkontribwiet 53.2 % tal-PDG tal-EU-27 fl-2019, filwaqt li s-sehem tal-formazzjoni ta' kapital gross kien ta' 22.5 % u dak tan-nefqa tal-gvern estiż kien ta' 20.6 %, filwaqt li l-bilanċ estern tal-prodotti u s-servizzi kien ta' 3.8 % (ara l-Illustrazzjoni 9).




**Illustrazzjoni 9: Komponenti tan-nefqa tal-PDG fi prezzijiet kurrenti tas-suq, EU-27, 2019 (% sehem tal-PDG) Sors: Eurostat (nama_10_gdp), (tec00009), (tec00010), (tec00011) u (tec00110)**

Fost l-Istati Membri tal-EU-27, kien hemm varjazzjoni kbira fl-intensità tal-investiment (ara l-Illustrazzjoni 10) u dan jista' jirrifletti parzjalment l-istadji differenti tal-iżvilupp ekonomiku kif ukoll id-dinamika tat-tkabbir matul dawn l-aħħar snin. Fl-2019, il-formazzjoni ta' kapital fiss gross (fi prezzijiet kurrenti) bħala sehem tal-PDG kienet ta' 22.1 % fl-EU-27 u kważi l-istess (22.0 %) fiż-żona tal-euro. Din kienet l-ogħla bil-bosta fl-Irlanda (45.6 %), filwaqt li l-Ungerija (28.6 %), iċ-Ċekja (26.2 %) u l-Estonja (26.1 %) irreġistraw ukoll ishma ogħla minn 25.0 %. Bla dubju, is-sehem l-aktar baxx kien fil-Greċja (11.4 %).




**Illustrazzjoni 10: Formazzjoni ta' kapital fiss gross fi prezzijiet kurrenti tas-suq, 2019 (% sehem tal-PDG) Sors: Eurostat (nama_10_gdp)**

Il-maġġoranza vasta tal-investiment fl-EU-27 saret mis-settur privat, kif muri fit-Tabella 5: fl-2019, l-investiment min-negozji u l-unitajiet domestiċi rrappreżenta 19.4 % tal-PDG tal-EU-27, filwaqt li l-figura ekwivalenti għall-investiment tas-settur pubbliku kienet ta' 3.0 %. Fir-rigward tal-PDG, l-Ungerija u Ċipru (it-tnejn 5.8 %; data tal-2018) kellhom l-ogħla proporzjonijiet ta' investiment pubbliku mal-PDG, filwaqt li l-investiment mis-settur tan-negozju kien l-ogħla fl-Irlanda (19.1 %; data tal-2018), iċ-Ċekja (16.9 %) u l-Iżvezja (16.4 %) u skont l-unitajiet domestiċi kien l-ogħla fil-Finlandja (7.2 %) u f'Ċipru (7.1 %; data tal-2018). L-investiment mill-unitajiet domestiċi (bħala sehem tal-PDG) fl-2018 kien ferm aktar baxx mill-2009 fil-Greċja, Ċipru, Spanja, u l-Irlanda, filwaqt li kien ferm ogħla fir-Rumanija (2019 meta mqabbel mal-2009).

**Investment at current market prices, 2009, 2014 and 2019**
(% share of GDP)

| | Total investment | | | Public investment | | | Business investment | | | Household investment | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2009 | 2014 | 2019 | 2009 | 2014 | 2019 | 2009 | 2014 | 2019 | 2009 | 2014 | 2019 |
| EU-27 | 21.6 | 20.2 | 22.4 | 3.8 | 3.0 | 3.0 | 11.7 | 12.1 | 14.1 | 6.1 | 5.0 | 5.3 |
| Euro area (EA-19) | 21.3 | 19.7 | 22.2 | 3.7 | 2.8 | 2.8 | 11.3 | 11.8 | 13.9 | 6.3 | 5.2 | 5.6 |
| Belgium (1) | 22.8 | 22.8 | 23.8 | 2.3 | 2.6 | 2.6 | 14.4 | 14.6 | 15.7 | 6.1 | 5.7 | 5.5 |
| Bulgaria (1) | 27.9 | 21.1 | 18.5 | 5.0 | 5.2 | 2.3 | 19.3 | 14.4 | 14.0 | 3.6 | 1.5 | 2.3 |
| Czechia | 27.6 | 25.4 | 26.2 | 6.0 | 4.1 | 4.3 | 15.6 | 16.4 | 16.9 | 6.1 | 4.9 | 5.0 |
| Denmark (1) | 20.2 | 19.2 | 22.0 | 3.1 | 3.9 | 3.4 | 12.2 | 11.6 | 13.9 | 4.9 | 3.7 | 4.7 |
| Germany (1) | 19.3 | 20.0 | 21.2 | 2.4 | 2.1 | 2.4 | 11.1 | 11.7 | 12.5 | 5.8 | 6.2 | 6.3 |
| Estonia (1) | 22.6 | 25.6 | 23.9 | 6.0 | 5.0 | 5.3 | 12.5 | 16.2 | 13.6 | 4.0 | 4.4 | 5.0 |
| Ireland (1) | 21.1 | 20.6 | 23.4 | 3.8 | 2.2 | 2.0 | 12.1 | 16.4 | 19.1 | 5.2 | 2.1 | 2.3 |
| Greece (1)(2) | 20.8 | 11.5 | *11.1* | 5.7 | 3.7 | 3.0 | 6.2 | 5.3 | 5.7 | 8.9 | 2.6 | 2.4 |
| Spain (1) | 23.1 | 17.8 | 19.4 | 5.2 | 2.2 | 2.1 | 11.0 | 12.6 | 13.9 | 6.9 | 3.0 | 3.4 |
| France (1) | 22.1 | 21.8 | *22.9* | 4.3 | 3.7 | 3.4 | 11.7 | 12.4 | *13.5* | 6.1 | 5.7 | *6.0* |
| Croatia (1) | 25.2 | *19.3* | *20.0* | 6.1 | 3.8 | 3.5 | *15.7* | *12.3* | *13.5* | *3.5* | *3.1* | *3.0* |
| Italy | 20.1 | 16.7 | 18.1 | 3.7 | 2.3 | 2.3 | 9.4 | 9.1 | 10.4 | 7.0 | 5.3 | 5.4 |
| Cyprus (1) | 23.4 | 12.9 | *19.1* | 4.2 | 2.1 | 5.8 | 8.1 | 6.1 | *6.3* | 11.2 | 4.7 | *7.1* |
| Latvia (1) | 22.4 | 22.6 | 22.5 | 4.8 | 4.5 | 5.4 | 14.5 | 15.0 | 13.9 | 3.1 | 3.1 | 3.2 |
| Lithuania (1)(4) | 17.9 | 18.9 | 20.6 | 4.4 | 3.5 | 3.3 | 9.9 | 11.6 | 13.1 | 3.6 | 3.8 | 4.2 |
| Luxembourg (1) | 18.4 | 20.0 | 16.8 | 4.3 | 3.7 | 3.9 | 9.1 | 11.5 | 8.6 | 5.0 | 4.8 | 4.3 |
| Hungary (1) | 22.7 | 22.1 | 25.2 | 3.4 | 5.4 | 5.8 | 14.2 | 13.8 | 15.2 | 5.1 | 3.0 | 4.2 |
| Malta (1) | 18.2 | 17.3 | 18.9 | 2.4 | 3.5 | 3.0 | : | : | : | : | : | : |
| Netherlands | 21.3 | 17.6 | *21.0* | 4.3 | 3.5 | 3.4 | 10.3 | 9.7 | *11.3* | 6.7 | 4.4 | *6.4* |
| Austria (1) | 22.4 | 22.7 | 24.0 | 3.4 | 3.0 | 3.0 | 13.8 | 14.6 | 15.7 | 5.3 | 5.1 | 5.3 |
| Poland (1) | 21.4 | 19.7 | *18.2* | 5.0 | 4.7 | 4.7 | 11.1 | 10.3 | *10.1* | 5.4 | 4.8 | *3.5* |
| Portugal | 21.2 | 15.0 | *18.3* | 4.1 | 2.0 | 1.9 | 12.4 | 9.8 | *12.6* | 4.7 | 3.2 | *3.8* |
| Romania | 26.0 | 24.3 | *23.6* | 5.8 | 4.3 | 3.4 | 17.6 | 14.6 | *15.9* | 2.6 | 5.5 | *4.4* |
| Slovenia (1) | 24.1 | 19.1 | 19.2 | 5.1 | 5.1 | 3.6 | 14.1 | 10.5 | 11.8 | 5.0 | 3.5 | 3.9 |
| Slovakia | 20.8 | 20.4 | 21.5 | 3.9 | 4.1 | 3.6 | 12.5 | 12.5 | 13.5 | 4.3 | 3.8 | 4.4 |
| Finland | 23.0 | 21.5 | 23.9 | 3.9 | 4.2 | 4.3 | 13.0 | 10.9 | 12.4 | 6.0 | 6.4 | 7.2 |
| Sweden | 22.5 | 23.2 | 24.4 | 4.4 | 4.4 | 4.9 | 15.2 | 16.3 | 16.4 | 2.9 | 2.6 | 3.2 |
| United Kingdom (1) | 15.9 | 16.4 | 17.0 | 3.3 | 2.7 | 2.7 | 9.3 | 9.9 | 10.1 | 3.4 | 3.7 | 4.2 |
| Iceland | 15.0 | 17.2 | : | 3.9 | 3.0 | : | 8.6 | 11.3 | : | 2.5 | 2.9 | : |
| Norway (1) | 23.2 | 23.8 | 24.0 | 4.5 | 4.6 | 5.4 | 14.1 | 13.6 | 12.6 | 4.6 | 5.6 | 6.0 |
| Switzerland (1) | 22.7 | 23.9 | *24.2* | 3.0 | 3.0 | 3.1 | 15.4 | 16.9 | *17.3* | 4.3 | 3.9 | *3.8* |
| Albania (1) | : | 24.2 | 24.6 | : | : | : | : | : | : | : | : | : |
| Serbia (1)(5) | 19.7 | *16.8* | *20.1* | : | 3.4 | 5.0 | : | *11.5* | *12.8* | : | 1.9 | 2.3 |
| Turkey (1) | 22.0 | 28.6 | 29.8 | 3.9 | 3.2 | 4.0 | 12.5 | 16.7 | 17.1 | 5.6 | 8.7 | 8.8 |

(1) 2018 instead of 2019.
(2) 2017 instead of 2019.
(3) Business investment, 2014: break in series.
(4) Business and household investment, 2014: break in series.
(5) 2015 instead of 2014.
*Source:* Eurostat (online data code: nasa_10_ki)

eurostat

**Tabella 5: Investiment fi prezzijiet kurrenti tas-suq, 2009, 2014 u 2019 (% sehem tal-PDG) Sors: Eurostat (nasa_10_ki)**

## Introjtu

Analiżi tal-PDG fl-EU-27 mill-perspettiva tal-introjtu turi li d-distribuzzjoni bejn il-fatturi tal-produzzjoni tal-introjtu li jirriżultaw mill-proċess tal-produzzjoni kienet iddominata mill-kumpens tal-impjegati, li rrappreżenta 47.5 % tal-PDG fi prezzijiet kurrenti tas-suq fl-2019. Is-sehem għal surplus operatorju gross u l-introjtu mħallat kien ta' 40.6 % tal-PDG, filwaqt li dak għat-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet bis-sussidji mnaqqsa kien ta' 11.9 % (ara l-Illustrazzjoni 11). L-Irlanda kellha l-aktar sehem baxx mill-kumpens tal-impjegati fil-PDG (28.2 %), segwita mill-Greċja (34.7 %), filwaqt li ishma ta' aktar minn 50.0 % ġew irreġistrati fis-Slovenja, fi Franza, fid-Danimarka u fil-Ġermanja (fejn is-sehem laħaq l-ogħla livell b'53.6 %). Fil-każ tal-Irlanda dan is-sehem partikolarment baxx huwa konsegwenza ta' effetti relatati mal-globalizzazzjoni .




**Illustrazzjoni 11: Distribuzzjoni tal-introjtu fi prezzijiet kurrenti tas-suq, 2019 (% sehem tal-PDG) Sors: Eurostat (nama_10_gdp)**

L-aggregati tal-introjtu, sal-2011, kienu rkupraw mit-telf tagħhom esperjenzat matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika. L-introjtu mill-kumpens tal-impjegati żdied kull sena bejn l-2009 u l-2019 fl-EU-27, hekk kif kiseb 30.5 % matul dan il-perjodu (f'termini ta' prezzijiet kurrenti). Għas-surplus operatorju gross u l-introjtu mħallat, it-tkabbir kumplessiv kien kważi l-istess (żieda ta' 29.9 %); din iż-żieda kienet magħmula minn żidiet annwali li seħħew kull sena ħlief għall-2012. L-introjtu mit-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet żdied kull sena bejn l-2009 u l-2019, u dan kumplessivament irriżulta fi tkabbir ta' 43.1 %.




**Illustrazzjoni 12: Żvilupp tal-introjtu fi prezzijiet kurrenti tas-suq, EU-27, 2009-2019 (2009 = 100) Sors: Eurostat (nama_10_gdp)**

## Konsum tal-unitajiet domestiċi

In-nefqa fuq il-konsum tal-unitajiet domestiċi irrappreżentat tal-inqas nofs il-PDG (fi prezzijiet kurrenti tas-suq) fl-2019 fi 17 mis-27 Stat Membru tal-UE; dan is-sehem kien l-ogħla fil-Greċja (65.2 %) u f'Ċipru (63.9 %). B'kuntrast, dan kien l-inqas fil-Lussemburgu (27.8 %), li, minkejja dan, kellu l-ogħla nefqa medja bil-bosta fuq il-konsum tal-unitajiet domestiċi per capita (PPS 23 010) — ara t-Tabella 6 — anke wara l-aġġustament għal differenzi fil-livell tal-prezzijiet bejn l-Istati Membri.

**Consumption expenditure of households, 2009, 2014 and 2019**

| | As a proportion of GDP at current market prices (%) | | | Per inhabitant (PPS) | Per inhabitant in EUR: annual average rate of change using chain linked volumes (% per year) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2009 | 2014 | 2019 | 2019 | 2009-2014 | 2014-2019 |
| EU-27 | 54.5 | 53.4 | 51.9 | 16 470 | 0.0 | 1.7 |
| Euro area (EA-19) | 54.8 | 53.7 | 52.0 | 17 530 | -0.2 | 1.4 |
| Belgium | 50.3 | 50.8 | 50.4 | 18 790 | 0.7 | 1.1 |
| Bulgaria | 62.6 | 62.0 | 58.9 | 9 880 | 2.2 | 4.8 |
| Czechia | 48.0 | 47.7 | 46.5 | 13 760 | 0.5 | 3.3 |
| Denmark | 46.9 | 45.7 | 45.3 | 18 480 | 0.1 | 1.7 |
| Germany | 54.8 | 52.0 | 50.5 | 19 450 | 1.0 | 1.1 |
| Estonia | 51.4 | 49.0 | 47.1 | 12 530 | 3.0 | 3.7 |
| Ireland | 46.1 | 41.7 | 28.7 | 17 790 | -0.2 | 2.1 |
| Greece | 66.3 | 67.4 | 65.2 | 14 020 | -5.2 | 0.8 |
| Spain | 56.0 | 58.3 | 56.6 | 16 330 | -1.4 | 2.0 |
| France | 53.4 | 52.2 | 51.7 | 17 370 | 0.1 | 1.1 |
| Croatia | 58.7 | 59.4 | 57.0 | 11 740 | -1.1 | 3.6 |
| Italy | 59.9 | 60.0 | 59.6 | 18 000 | -1.4 | 1.3 |
| Cyprus | 62.9 | 68.0 | 63.9 | 18 060 | -2.3 | 2.9 |
| Latvia | 59.3 | 60.1 | 58.6 | 12 900 | 4.6 | 3.8 |
| Lithuania | 67.9 | 61.7 | 60.6 | 15 800 | 3.9 | 4.8 |
| Luxembourg | 32.8 | 29.4 | 27.8 | 23 010 | -0.1 | 0.5 |
| Hungary | 52.1 | 48.5 | 46.4 | 10 790 | -0.2 | 4.8 |
| Malta | 59.5 | 49.9 | 41.7 | 13 140 | 0.4 | 1.4 |
| Netherlands | 44.9 | 44.5 | 43.0 | 17 520 | -0.7 | 1.2 |
| Austria | 51.5 | 51.3 | 49.4 | 19 990 | 0.1 | 0.4 |
| Poland | 60.7 | 59.3 | 56.5 | 13 070 | 1.9 | 4.0 |
| Portugal | 62.9 | 64.1 | 62.2 | 15 480 | -0.8 | 2.6 |
| Romania | 61.9 | 60.7 | 62.8 | 13 820 | 1.3 | 8.0 |
| Slovenia | 54.1 | 54.0 | 50.9 | 14 140 | -0.8 | 2.5 |
| Slovakia | 58.7 | 54.2 | 55.2 | 12 910 | 0.0 | 3.3 |
| Finland | 49.6 | 52.0 | 50.2 | 17 650 | 0.8 | 1.4 |
| Sweden | 46.2 | 45.6 | 44.2 | 16 870 | 1.5 | 1.2 |
| United Kingdom | 62.0 | 62.0 | 62.7 | 20 890 | 0.9 | 1.7 |
| Iceland | 49.2 | 50.8 | 48.6 | 20 010 | 1.2 | 3.3 |
| Norway | 40.3 | 39.0 | 42.3 | 19 330 | 1.6 | 1.0 |
| Switzerland (1)(2) | 52.8 | 51.4 | 51.5 | 24 780 | 0.7 | 0.3 |
| Montenegro (1)(2) | 82.0 | 80.2 | 73.4 | 10 850 | 0.5 | 4.0 |
| North Macedonia (1)(2) | 76.0 | 68.9 | 65.0 | 7 160 | 0.4 | 2.8 |
| Albania (3) | 80.3 | 80.2 | 79.5 | 7 190 | 1.9 | 1.9 |
| Serbia | 74.2 | 72.4 | 67.0 | 8 680 | -0.1 | 2.2 |
| Bosnia and Herzegovina (2) | 84.4 | 83.4 | 75.1 | : | : | : |
| Kosovo* (2) | 86.7 | 86.3 | 85.3 | : | : | : |

(1) Per inhabitant in PPS: 2018. Per inhabitant in EUR: 2014-2018 instead of 2014-2019.
(2) As a proportion of GDP: 2018 instead of 2019.
(3) Per inhabitant in PPS: 2017. Per inhabitant in EUR: 2014-2017 instead of 2014-2019.
*This designation is without prejudice to positions on status, and is in line with UNSCR 1244/1999 and the ICJ Opinion on the Kosovo declaration of independence.
*Source:* Eurostat (online data codes: nama_10_gdp and nama_10_pc)

**Tabella 6: Nefqa fuq il-konsum tal-unitajiet domestiċi, 2009, 2014 u 2019 Sors: Eurostat (nama_10_gdp) u (nama_10_pc)**

Minbarra l-Lussemburgu, in-nefqa medja fuq il-konsum tal-unitajiet domestiċi per capita f'termini ta' PPS kienet ukoll relattivament għolja fl-2019 fl-Awstrija (PPS 19 990) u fil-Ġermanja (PPS 19 450). B'kuntrast, il-Bulgarija kienet l-uniku Stat Membru tal-EU-27 li rrapporta nefqa medja fuq il-konsum tal-unitajiet domestiċi per capita li kienet inqas minn PPS 10 000.

Analiżi tal-iżviluppi reali fin-nefqa medja fuq il-konsum per capita f'termini ta' euro (ibbażata fuq indiċi ta' volumi inkatenati) matul il-perjodu 2014-2019 uriet li l-aktar tkabbir mgħaġġel kien irreġistrat fir-Rumanija, fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fil-Litwanja. L-Awstrija rreġistrat l-inqas żieda fin-nefqa fuq il-konsum per capita tal-unitajiet domestiċi, żieda b'medja ta' 0.4 % kull sena matul il-perjodu mill-2014 sal-2019, filwaqt li żidiet li jilħqu medja ta' inqas minn 1.0 % kull sena kienu rreġistrati wkoll fil-Lussemburgu (0.5 %), u fil-Greċja (0.8 %).

## Sors tad-data għat-tabelli u l-graffs

- Kontijiet nazzjonali u PDG: tabelli u illustrazzjonijiet (bl-Ingliż)

## Sorsi tad-data

Is- sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali (ESA) tipprovdi l-metodoloġija għall-kontijiet nazzjonali fl-UE. Il-verżjoni attwali, ESA 2010 , ġiet adottata f'Mejju 2013 u ġiet implimentata minn Settembru 2014. Hija konsistenti bis-sħiħ mal-linji gwida dinjija għall-kontijiet nazzjonali, l- 2008 SNA . Jekk jogħġbok kun af li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-EU-27 wettqu reviżjonijiet tal-valuri referenzjarji bejn Awwissu u Ottubru tal-2019. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Eurostat u b'mod partikolari dan id-dokument .

### Il-PDG u l-komponenti ewlenin

L-aggregati ewlenin tal-kontijiet nazzjonali huma kkompilati minn unitajiet istituzzjonali, prinċipalment minn korporazzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji, gvern estiż , unitajiet domestiċi, u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu l-unitajiet domestiċi (NPISH) .

Id-data fid-dominju tal-kontijiet nazzjonali tinkludi informazzjoni dwar il-komponenti tal-PDG, l-impjieg, aggregati tal-konsum finali u tfaddil. Ħafna minn dawn il-varjabbli huma kkalkolati fuq bażi annwali u trimestrali.

Il-PDG huwa l-kejl ċentrali tal-kontijiet nazzjonali, li jiġbor fil-qosor il-pożizzjoni ekonomika ta' pajjiż (jew reġjun). Dan jista' jiġi kkalkolat b'approċċi differenti: l- approċċ tal-output ; l- approċċ tan-nefqa ; u l- approċċ tal-introjtu .

Analiżi tal-PDG per capita tneħħi l-influwenza tad-daqs assolut tal-popolazzjoni, biex b'hekk tagħmel il-paraguni bejn pajjiżi differenti eħfef. Il-PDG per capita huwa indikatur ekonomiku wiesa' tal-istandards tal-għajxien. Id-data tal-PDG f'muniti nazzjonali tista' tinqaleb għal standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) billi jintużaw paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist (PPPs) li jirriflettu l-kapaċità tal-akkwist ta' kull munita, minflok jintużaw ir-rati tal-kambju tas-suq; b'dan il-mod id-differenzi fil-livelli tal-prezzijiet bejn il-pajjiżi jiġu eliminati. L-indiċi tal-volum tal-PDG per capita f'PPS huwa espress f'relazzjoni mal-medja tal-EU-27 (issettjata għal 100). Jekk l-indiċi ta' pajjiż ikun ogħla/anqas minn 100, il-livell tal-PDG per capita ta' dak il-pajjiż ikun ogħla/anqas mill-medja tal-EU-27; dan l-indiċi huwa intenzjonat għal paraguni bejn il-pajjiżi aktar milli paraguni matul iż-żmien.

Il-kalkolu tar-rata annwali ta' kambju tal-PDG bl-użu ta' indiċi ta' volumi inkatenati (bidliet reali) huwa intenzjonat sabiex jippermetti paraguni tad-dinamika tal-iżvilupp ekonomiku kemm matul iż-żmien kif ukoll bejn ekonomiji ta' daqsijiet differenti, irrispettivament mil-livelli tal-prezzijiet.

### Data komplementarja

L-output ekonomiku jista' jiġi analizzat ukoll skont l-attività. Fil-livell l-iżjed aggregat tal-analiżi użata għall-kontijiet nazzjonali, huma identifikati 10 intestaturi NACE: agrikoltura, forestrija u sajd; industrija; kostruzzjoni; negozji tad-distribuzzjoni, trasport, servizzi ta' akkomodazzjoni u ikel; servizzi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni; servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni; attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli; servizzi professjonali, xjentifiċi, tekniċi, amministrattivi u ta' appoġġ; amministrazzjoni pubblika, difiża, edukazzjoni, saħħa tal-bniedem u assistenza soċjali; arti, divertiment, rikreazzjoni, servizzi u attivitajiet oħra ta' unitajiet domestiċi u organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali.

Analiżi tal-output skont l-attività matul iż-żmien tista' tiġi ffaċilitata bl-użu ta' miżura ta' volum (tibdil reali), fi kliem ieħor, bid-deflazzjoni tal-valur tal-output biex jitneħħa l-impatt ta' tibdil fil-prezzijiet; kull attività hija deflata b'mod individwali biex tirrifletti l-bidliet fil-prezzijiet tal-prodotti assoċjati tagħha.

Sett ieħor ta' data tal-kontijiet nazzjonali fil-kuntest ta' analiżijiet tal-kompetittività, prinċipalment indikaturi li huma relatati mal-produttività tal-forza ta-xogħol, bħal mezzi ta' kejl tal-produttività tax-xogħol. Mezzi ta' kejl tal-produttività espressi f'PPS huma utli b'mod partikolari għal paraguni bejn il-pajjiżi. Il-PDG għal kull persuna impjegata huwa maħsub biex jagħti impressjoni globali tal-produttività tal-ekonomiji nazzjonali. Wieħed għandu jiftakar, madankollu, li dan il-kejl jiddependi mill-istruttura tal-impjieg totali u jista', pereżempju, jitnaqqas b'qalba minn xogħol full-time għal xogħol part-time. Il-PDG għal kull siegħa xogħol jagħti stampa aktar ċara tal-produttività peress li l-inċidenza ta' impjieg part-time tvarja ħafna bejn il-pajjiżi u l-attivitajiet.

Informazzjoni annwali dwar in-nefqa tal-unitajiet domestiċi hija disponibbli minn kontijiet nazzjonali kkompilati permezz ta' approċċ makroekonomiku. Sors alternattiv għall-analiżi tan-nefqa tal-unitajiet domestiċi

huwa l- istħarriġ tal-baġit tal-unitajiet domestiċi (HBS) : din l-informazzjoni tinkiseb billi l-unitajiet domestiċi jintalbu jżommu djarju tax-xirjiet tagħhom u hija ħafna aktar iddettaljata fil-kopertura tagħha tal-prodotti u s-servizzi kif ukoll fit-tipi ta' analiżi soċjoekonomika li jsiru disponibbli. L-HBS jitwettaq u jiġi ppubblikat biss kull ħames snin: l-aħħar sena ta' referenza li għaliha d-data hija attwalment disponibbli hija l-2015, għalkemm (fil-mument tal-kitba), id-data għadha mhix disponibbli għal tnejn mill-Istati Membri tal-EU-27 (id-Danimarka u Franza).

## Kuntest

L-istituzzjonijiet, il-gvernijiet, il-banek ċentrali kif ukoll korpi ekonomiċi u soċjali oħrajn Ewropej fis-settur pubbliku u dak privat għandhom bżonn sett ta' statistiċi komparabbli u affidabbli fuq xiex jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom. Il-kontijiet nazzjonali jistgħu jintużaw għal diversi tipi ta' analiżi u evalwazzjoni. L-użu ta' kunċetti u definizzjonijiet aċċettati internazzjonalment jippermetti analiżi ta' ekonomiji differenti, bħall-interdipendenzi bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri tal-UE, jew paragun bejn pajjiżi tal-UE u pajjiżi mhux membri.

### Analiżi taċ-ċiklu kummerċjali u l-politika makroekonomika

Wieħed mill-użi prinċipali tad-data tal-kontijiet nazzjonali huwa relatat mal-bżonn li jiġu appoġġjati deċiżjonijiet dwar il-politika ekonomika Ewropea u l-ilħuq ta' objettivi tal-unjoni ekonomika u monetarja (UEM) bi statistiki ta' terminu qasir ta' kwalità għolja li jippermettu l-monitoraġġ ta' żviluppi makroekonomiċi u d-derivazzjoni ta' pariri dwar il-politika makroekonomika. Pereżempju, wieħed mill-użi bażiċi u li ilhom jeżistu tal-kontijiet nazzjonali huwa l-kwantifikazzjoni tar-rata ta' tkabbir ta' ekonomija, f'termini sempliċi t-tkabbir tal-PDG. Figuri essenzjali tal-kontijiet nazzjonali jintużaw b'mod partikolari biex jiġu żviluppati u mmonitorjati politiki makroekonomiċi, filwaqt li data ddettaljata dwar il-kontijiet nazzjonali tista' tintuża wkoll biex jiġu żviluppati politiki settorjali jew industrijali, b'mod partikolari permezz ta' analiżi ta' tabelli tal-input-output.

Mill-bidu tal-UEM fl-1999, il- Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) kien wieħed mill-utenti prinċipali tal-kontijiet nazzjonali. L-istrateġija tal-BĊE għall-valutazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà tal-prezzijiet hija bbażata fuq żewġ perspettivi analitiċi, magħrufa bħala ż-"żewġ pilastri": analiżi ekonomika u analiżi monetarja. Għalhekk, jiġu evalwati numru kbir ta' indikaturi monetarji u finanzjarji f'relazzjoni ma' data rilevanti oħra li tippermetti l-kombinazzjoni ta' analiżi monetarja, finanzjarja u ekonomika, pereżempju, aggregati ewlenin tal-kontijiet nazzjonali. B'dan il-mod l-indikaturi monetarji u finanzjarji jistgħu jiġi analizzati fil-kuntest tal-bqija tal-ekonomija.

Id- Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jimmonitorja l-iżviluppi ekonomiċi. L-UE għandha ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika msejjaħ is-Semestru Ewropew . Kull sena, il- Kummissjoni Ewropea twettaq analiżi dettaljata tal-pjanijiet ta' riformi baġitarji, makroekonomiċi u strutturali tal-Istati Membri tal-UE u tipprovdilhom rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għat-12-18-il xahar ta' wara.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jipproduċi wkoll il-previżjonijiet makroekonomiċi previżonijiet tal-Kummissjoni Ewropea erba' darbiet fis-sena (fil-ħarifa, fix-xitwa, fir-rebbiegħa u fis-sajf), f'koordinazzjoni maċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew. Dawn il-previżjonijiet ikopru l-Istati Membri kollha tal-UE sabiex jiġu dderivati previżjonijiet għaż-żona tal-euro u l-UE, iżda jinkludu wkoll prospettivi għall-pajjiżi kandidati, kif ukoll xi pajjiżi li mhumiex membri.

L-analiżi tal-finanzi pubbliċi permezz tal-kontijiet nazzjonali hija użu ieħor stabbilit sew ta' dawn l-istatistiċi. Fl-UE ġiet żviluppata applikazzjoni speċifika fir-rigward tal-kriterji ta' konverġenza għall-UEM, tnejn minnhom jirreferu direttament għall-finanzi pubbliċi. Dawn il-kriterji ġew iddefiniti f'termini ta' illustrazzjonijiet ta' kontijiet nazzjonali, prinċipalment, id-defiċit tal-gvern u d-dejn tal-gvern relattivi għall-PDG; ara l-artiklu dwar l-istatistika tal-finanzi tal-gvern għal aktar informazzjoni.

### Politiki reġjonali, strutturali u settorjali

Minbarra l-analiżi taċ-ċiklu kummerċjali u l-analiżi tal-politika makroekonomika, hemm ukoll użi oħra relatati mal-politika tad-data ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali tal-UE, b'mod speċjali dik li tikkonċerna kwistjonijiet reġjonali, strutturali u settorjali.

L-allokazzjoni tan-nefqa għall-fondi strutturali hija parzjalment ibbażata fuq kontijiet reġjonali. Barra minn hekk, l-istatistika reġjonali tintuża għal valutazzjoni ex post tar-riżultati tal-politika reġjonali u ta' koeżjoni.

Ekonomija li taħdem għan-nies hija prijorità strateġika għall-UE u l-Istati Membri. B'appoġġ għal dawn il-prijoritajiet strateġiċi, il-politiki komuni huma implimentati fost is-setturi kollha tal-ekonomija tal-UE filwaqt li l-Istati Membri jimplimentaw ir-riformi strutturali tagħhom stess.

Il-Kummissjoni Ewropea twettaq analiżi ekonomika li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal- politika agrikola komuni (PAK) billi tanalizza l-effiċjenza tad-diversi mekkaniżmi ta' appoġġ tagħha u tiżviluppa perspettiva fuq perjodu twil. Din tinkludi riċerka, analiżi u valutazzjonijiet tal-impatt fuq suġġetti relatati mal-agrikoltura u l-ekonomija rurali fl-UE u f'pajjiżi li mhumiex membri, parzjalment bl-użu ta' kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura.

**L-issettjar tal-miri, valutazzjoni komparattiva u kontribuzzjonijiet**

Il-politiki fl-UE qegħdin dejjem aktar jissettjaw miri ta' terminu medju jew twil, sew jekk huma vinkolanti u sew jekk le. Għal uħud minn dawn, il-livell tal-PDG jintuża bħala denominatur parametru referenzjarju, pereżempju, l-issettjar ta' mira għan-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp f'livell ta' 3.00 % tal-PDG (li hija waħda mill-miri tal-Ewropa 2020).

Il-kontijiet nazzjonali jintużaw ukoll biex jiddeterminaw ir-riżorsi tal-UE, bir-regoli bażiċi stabbiliti f'Deċiżjoni tal-Kunsill. L-ammont globali ta' riżorsi proprji neċessarji għall-finanzjament tal-baġit tal-UE huwa ddeterminat min-nefqa totali nieqes dħul ieħor, u d-daqs massimu tar-riżorsi proprji huwa marbut mal- introjtu nazzjonali gross tal-UE.

Minbarra li tintuża biex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet baġitarji fl-UE, id-data tal-kontijiet nazzjonali tintuża wkoll biex tiddetermina l-kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, bħan- Nazzjonijiet Uniti (NU) . Il-kontribuzzjonijiet għall-baġit tan-NU huma bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross flimkien ma' varjetà ta' aġġustamenti u limiti.

**Analisti u previżjonisti**

Il-kontijiet nazzjonali jintużaw ukoll b'mod mifrux mill-analisti u r-riċerkaturi biex jeżaminaw is-sitwazzjoni ekonomika u l-iżviluppi. Is-sieħba soċjali, bħar-rappreżentanti tan-negozji (pereżempju, il-korpi tan-negozji) jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema (pereżempju, it-trade unions), ukoll għandhom interess fil-kontijiet nazzjonali għall-iskop tal-analiżi tal-iżviluppi li jaffettwaw ir-relazzjonijiet industrijali. Fost użi oħra, ir-riċerkaturi u l-analisti jużaw il-kontijiet nazzjonali għall-analiżi taċ-ċiklu kummerċjali u l-analiżi ta' ċikli ekonomiċi ta' terminu twil u jirrelataw dawn ma' żviluppi ekonomiċi, politiċi jew teknoloġiċi.

## Artikli oħra

- European sector accounts (artiklu kuntestwali) (bl-Ingliż)
- European system of national and regional accounts — ESA 2010 (artiklu kuntestwali) (bl-Ingliż)
- Main users of national accounts (artiklu kuntestwali) (bl-Ingliż)
- Sector accounts (bl-Ingliż)

## Tabelli prinċipali

- Kontijiet nazzjonali annwali (t_nama10), ara (bl-Ingliż):

Main GDP aggregates (t_nama_10_ma)

Auxiliary indicators (population, GDP per capita and productivity) (t_nama_10_aux)

Basic breakdowns of main GDP aggregates and employment (by industry and by assets) (t_nama_10_bbr)

Detailed breakdowns of main GDP aggregates (by industry and consumption purpose) (t_nama_10_dbr)

Regional economic accounts - ESA 2010 (t_nama_10reg)

## Bażi tad-data

- Kontijiet nazzjonali annwali (nama10), ara (bl-Ingliż):

Main GDP aggregates (nama_10_ma)

Auxiliary indicators (population, GDP per capita and productivity) (nama_10_aux)

Basic breakdowns of main GDP aggregates and employment (by industry and by assets) (nama_10_bbr)

Detailed breakdowns of main GDP aggregates (by industry and consumption purpose) (nama_10_dbr)

Breakdowns of non-financial assets by type, industry and sector (nama_10_nfa)

Regional economic accounts (nama_10reg)

- Kontijiet nazzjonali trimestrali (namq_10) (bl-Ingliż)

- Kontijiet nazzjonali - kooperazzjoni tad-data internazzjonali (naid_10) (bl-Ingliż)

## Taqsima dedikata

- Kontijiet nazzjonali (inklużi l-PDG u l-kontijiet reġjonali) (bl-Ingliż)
- ESA 2010 — Ħarsa ġenerali (bl-Ingliż)

## Pubblikazzjonijiet

- NACE Rev. 2 — Statistical classification of economic activities in the European Community (bl-Ingliż)

## Metodoloġija

**Fajls tal-metadata ESMS**

- Annual national accounts (fajl tal-metadata ESMS — nama10_esms) (bl-Ingliż)
- Supply, use and Input-output tables (fajl tal-metadata ESMS — naio_10_esms) (bl-Ingliż)

**Manwali tal-metodoloġija**

- Essential SNA — Building the basics — 2014 edition (bl-Ingliż)
- Is-sistema Ewropea tal-kontijiet — ESA 2010 (bl-Ingliż)
- Is-sistema Ewropea tal-kontijiet — ESA 2010 — Programm ta' trażmissjoni ta' data (multilingwi)
- Eurostat-OECD Methodological Manual on Purchasing Power Parities (bl-Ingliż)
- Handbook on prices and volume measures in national accounts (bl-Ingliż)
- Handbook on the compilation of statistics on illegal economic activities in national accounts and balance of payments (bl-Ingliż)
- Manual on the changes between ESA 95 and ESA 2010 — 2014 edition (bl-Ingliż)
- Practical guidelines for revising ESA 2010 data — 2019 edition (bl-Ingliż)

**Informazzjoni metodoloġika oħra**

- Kontijiet nazzjonali — Metodoloġija , ara (bl-Ingliż):
  - Aggregati ewlenin
  - Impjiegi

## Links esterni

- Ekonomija, finanzi u l-euro — pubblikazzjonijiet
- United Nations — Department of Economic and Social Affairs — Statistics Division — SNA implementation (bl-Ingliż)

**Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.*